Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 22 ta' Lulju 2025**
**(OR. en)**

**11821/25**
**ADD 1**

**DENLEG 36**
**FOOD 69**
**SAN 481**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' Lulju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | D(2025) 107737 annex |
| Suġġett: | ANNESSI tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-estratt tal-quillaia (E 999) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-estratt tal-quillaia (E 999) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D(2025) 107737 annex.

---

Mehmuż: D(2025) 107737 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
PLAN/2024/2043 ANNEX Rev2
(POOL/E2/2024/2043/2043-EN
ANNEX.docx) D107737/02
[…](2025) XXX draft

ANNEXES 1 to 3

**ANNESSI**

**tar-**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-estratt tal-quillaia (E 999) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-estratt tal-quillaia (E 999)**

# ANNESS I

Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 hija emendata kif ġej:

(a) fil-kategorija 14.1.4 (Xarbiet bit-togħma),

l-entrata għal E 999 Estratt tal-quillaia hija sostitwita b'dan li ġej:

“

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | E 999 | Estratt tal-quillaia | 170 | (45) | |

(45): Espressi bħala saponini”;

(b) fil-kategorija 14.2.3 (Cider u perry),

l-entrata għal E 999 Estratt tal-quillaia hija sostitwita b'dan li ġej:

“

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | E 999 | Estratt tal-quillaia | 170 | (45) | minbarra *cidre bouché, cydr jakościowy, perry jakościowe, cydr lodowy, perry lodowe* |

(45): Espressi bħala saponini”;

(c) fil-kategorija 17.1 (Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'għamla solida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar),

l-entrata li ġejja tiddaħħal wara t-tieni entrata għal E 969:

“

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | E 999 | Estratt tal-quillaia | 3350 | (45) | |

(45): Espressi bħala saponini”;

(d) fil-kategorija 17.2 (Supplimenti tal-ikel ipprovduti f'għamla likwida, minbarra s-supplimenti tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar),

l-entrata li ġejja tiddaħħal wara t-tieni entrata għal E 969:

“

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | E 999 | Estratt tal-quillaia | 3350 | (45) | |

(45): Espressi bħala saponini”.

# ANNESS II

Fil-Parti 4 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata għall-addittiv tal-ikel "E 901 Xama' tan-naħal":

"

| | | | |
|---|---|---|---|
| E 999 | Estratt tal-quillaia | L-aromatizzanti kollha użati fil-kategoriji li ġejjin: | |
| | | 05.2: Ħlewwiet oħra inkluż ħelu żgħir li jiffriska n-nifs | 4 mg/kg fl-ikel finali (espressi bħala saponini) |
| | | 05.3: Chewing gum | 2 mg/kg fl-ikel finali (espressi bħala saponini) |
| | | 12.5: Sopop u brodijiet | 2 mg/l fl-ikel finali (espressi bħala saponini) |
| | | 14.1.5: Kafè, tè, infużjonijiet tal-ħxejjex aromatiċi u tal-frott, ċikwerja; te, infużjonijiet tal-ħxejjex aromatiċi u tal-frott, u estratti taċ-ċikwejra; te, preparazzjonijiet ta' pjanti, frott u ċereali għal infużjonijiet kif ukoll taħlitiet u taħlitiet istantanji ta' dawn il-prodotti | 1,2 mg/l fl-ikel finali (espressi bħala saponini) |
| | | 15.1: Ikliet ħfief abbażi ta' patata, ċereali, dqiq jew lamtu | 0,2 mg/kg fl-ikel finali (espressi bħala saponini) |

".

## ANNESS III

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, l-entrata għal "E 999 Estratt tal-quillaia" hija sostitwita b'dan li ġej:

"E 999 ESTRATT TAL-QUILLAIA

| | |
|---|---|
| Sinonimi | Estratt tal-qoxra tas-siġra tas-sapun; Estratt tal-qoxra tal-Quillay; Estratt tal-qoxra ta' Panama; Estratt tal-Quillai; Estratt tal-qoxra tal-Murillo; Estratt tal-qoxra tas-siġra taċ-Ċina |
| Definizzjoni | L-estratt tal-quillaia jinkiseb mill-estrazzjoni bl-ilma ta' *Quillaia saponaria Molina* jew ta' speċijiet oħrajn tal-*Quillaia*, siġar mill-familja *Rosaceae*. Il-proċess tal-estrazzjoni huwa segwit minn ċarar, filtrazzjoni, ultrafiltrazzjoni, konċentrazzjoni u pastorizzazzjoni. Fih għadd ta' saponini triterpenojdi li jikkonsistu minn glikosidi tal-aċidu kwillajku, polifenoli, karboidrati, b'mod partikolari l-polisakkaridi u zokkor riduċenti u, sa ċertu punt, proteini. |
| Numru CAS | 68990-67-0 |
| EINECS | |
| Isem kimiku | |
| Formola kimika | |
| Piż molekolari | |
| Assaġġ | Kontenut tas-saponina mhux inqas minn 20 % fuq il-bażi mnixxfa |
| **Deskrizzjoni** | L-estratt tal-quillaia fil-forma ta' trab huwa kannella ċar ikanġi fir-roża. Jinstab ukoll bħala soluzzjoni milwiema. |
| **Identifikazzjoni** | |
| pH | Bejn 3,7 u 5,5 (soluzzjoni ta' 4 %) |
| **Purità** | |
| Kontenut tal-ilma | Mhux iktar minn 6,0 % (metodu Karl Fischer) (il-forma tat-trab biss) |
| Arseniku | Mhux aktar minn 5 mg/kg ta' saponini |
| Ċomb | Mhux aktar minn 3 mg/kg ta' saponini |
| Merkurju | Mhux aktar minn 0,5 mg/kg ta' saponini |
| Kadmju | Mhux aktar minn 0,5 mg/kg ta' saponini |
| Ossalat tal-kalċju | Mhux aktar minn 6 g/kg ta' saponini |

| **Kriterji mikrobijoloġiċi** | |
|---|---|
| Għadd totali tal-kolonji aerobiċi | Mhux aktar minn 100 kolonja għal kull gramma |
| *Salmonella* spp. | Assenti f'25 g |
| *Staphylicoccus aureus* | Assenti f'1 g |
| *Escherichia coli* | Assenti f'1 g |
| Ħmira | Mhux aktar minn 10 kolonji kull gramma |
| Moffa | Mhux aktar minn 10 kolonji kull gramma |

".